# BORMLA FI ŻMIEN IL-FRANĊIŻI

## Dr Gaetano Bruno u l-Ġonna ta' San Ġwann t'Għuxa

*Kitba tal-Kan. Joe Abela*

- **Kunsillier ta' diversi Gran Mastri**
- **Salvatur ta' l-Arkivju ta' l-Ordni**
- **Bennej tal-Ġonna ta' San Ġwann t'Għuxa**

F'Ġunju ta' l-1798, jiġifieri mitejn sena ilu, il-Gżejjer Maltin waqgħu f'idejn il-Franċiżi, taħt Napuljun Bonaparte, li keċċa minn hawn lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Kien perjodu ta' ħafna taqlib fl-istorja ta' Malta li, fi ftit snin għaddiet minn taħt il-ħakma ta' tliet gvernijiet differenti: l-Ordni ta' San Ġwann, ir-Repubblika ta' Franza u l-Kuruna Ingliża. Ħafna Maltin magħrufa sabu ruħhom imkaxkra minn dan it-taqlib ċivili u militari u tilfu kull rispett minn naħa jew minn oħra. Bniedem li rnexxielu jżomm ruħu 'l fuq minn kull tilwim politiku u allura baqa' jgawdi l-istima ta' kulħadd kien Dr Gaetano Bruno.

### BIJOGRAFIJA QASIRA

Nibdew billi ngħidu li lil Dr Gaetano Bruno m'għandniex nitfixkluh ma' Dr Giovanni Spiridione Bruno li wkoll għex f'dawk iż-żminijiet u li ġie brutalment maqtul mill-Maltin minħabba li kellu tendenzi favur il-Franċiżi. Gaetano twieled fl-1740 fil-Belt Valletta, bin it-Tabib Giovanni u Rosalea mwielda Casha.[1] Studja l-Liġi Kanonika u Ċivili u sar Kappillan ta' San Ġwann fil-lingwa ta' Alvernia. Fl-1789, il-Gran Mastru De Rohan ħatru bħala wieħed mill-awdituri tiegħu. Din kienet ħatra ta' responsabbiltà għax xogħol l-awditur kien li jeżamina l-kontijiet tal-Gran Mastru. Kien allura tant għaref li l-Gran Mastru kien idur lejh biex jieħu l-parir tiegħu. Ħa sehem fir-Riforma Ġenerali tal-Kodiċi Penali. Imbagħad il-Gran Mastru Hompesch ħatru wkoll Segretarju tal-Kanċellerija. Għall-ewwel kien joqgħod fi Triq l-Ifran, il-Belt iżda wara mar joqgħod fi Triq Sant'Ursola. Kien miġjub mill-Kżar Pawlu tar-Russja, peress li kien bil-ħidma tiegħu li ntlaħaq ftehim bejn l-Ordni u r-Russja wara r-Rivoluzzjoni Franċiża. Fi żmien ir-Rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, Bruno ħareġ joqgħod fil-kampanja f'Diċembru, 1799.[2] Hu baqa' fix-xogħol importanti li kellu fi żmien il-Kavallieri, ukoll fi żmien il-Franċiżi u l-Ingliżi. Miet fis-7 ta' Mejju, 1808 u jinsab midfun fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, viċin is-sagristija, ħdejn il-qabar tal-magħruf pittur Mattia Preti.

### BRUNO JAGĦTI L-PARIRI LIL HOMPESCH

Meta fit-tensjoni u l-paniku kbir li qamu hekk kif il-Franċiżi bdew neżlin fuq ix-xtut ta' Malta, delegazzjoni Maltija qablu li jitolbu 'l Gran Mastru Hompesch jitlob l-armistizju lil Napuljun, u huma xtaqu li l-awditur Benedetto Schembri jwassal it-talba tagħhom lill-Gran Mastru, li kien f'laqgħa urġenti mal-Kunsill tiegħu. Iżda dan Schembri beża' jew qata' qalbu, u allura kien Bruno li wassal din il-petizzjoni tal-Maltin lill-Gran Mastru. B'ċerta diplomazija Hompesch aċċerta lid-delegati Maltin li t-talba tagħhom kienet se tiġi kkunsidrata, u għalhekk din il-petizzjoni ġiet mgħoddija lura f'idejn l-istess Bruno biex tiġi rreġistrata fil-minuti tal-Kunsill. U meta l-ġurnata ta' wara, it-termini tal-Ftehim bejn id-delegati ta' l-Ordni u l-Maltin, u Napuljun Bonaparte ġiet mgħoddija f'idejn Hompesch, kien Gaetano Bruno li ta l-

parir lill-Gran Mastru biex ma jiffirmax, mingħajr ma jiċħadha kategorikament. Dan biex 'il quddiem il-Gran Mastru kien jista' jgħid li hu qatt ma ffirma l-Ftehim.[3]

## IL-FRANĊIŻI JIEĦDU FLUS IL-MALTIN FL-IBLIET

F'Ġunju 1799, meta allura Bruno kien għadu fil-Belt Valletta assedjata mill-Maltin u l-Ingliżi, Vaubois, il-Kmandant Franċiż, li qatt ma kien irċieva xi flus minn Franza, kellu bżonn kbir ta' flus biex iħallas lis-suldati tiegħu. Allura l-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż fil-Belt ġabret lista ta' nies Maltin li ġew sfurzati 'jisilfu' s-somma ta' 125,000 skud lill-awtoritajiet Franċiżi! Bil-wiċċ tost qalulhom li kien dmir tagħhom li jibqgħu jgħinu lill-Franċiżi biex ikunu jistgħu jieħdu lura dawn flushom wara r-rebħa Franċiża. Minn Triq Sant'Ursola, fejn kien joqgħod Bruno, kellhom jinġabru 4,600 skud. Is-sehem li hu kellu 'jislef' kien ta' 200 skud. U hekk il-lista tibqa' sejra b'familji u individwi Maltin, triq wara triq. Forsi dan it-tip ta' serq ma tantx insemmuh; aktar niftakru f'dawk it-teżori li l-Franċiżi serqu mill-knejjes u l-bereġ tal-Belt.

## TATTIKA TA' BRUNO BIEX ISALVA L-ARKIVJU TA' L-ORDNI

Iżda m'hemmx dubju li l-akbar kontribut siewi li Gaetano Bruno għamel kien lill-Kultura u Storja ta' Malta. U dan ġara fi Żmien il-Franċiżi. Fil-Biblijoteka ta' Malta għadna nistgħu naraw kwadru ta' dan Gaetano Bruno. U mhux ta' b'xejn, għaliex kien hu li salva l-Arkivju imprezzabbli ta' l-Ordni minn idejn il-Franċiżi. Wara li fl-14 ta' Lulju, 1798, in-nobbli Maltin kellhom jaħarqu fil-Belt Valletta t-Titli tan-nobbiltà tagħhom, il-Franċiż d'Angely ordna li d-dokumenti kollha ta' l-Ordni, barra dawk li kienu jirreferu għall-proprjetà tagħha, li issa kienet waqgħet f'idejn il-Franċiżi, kellhom jittieħdu biex il-karti tagħhom jintużaw għall-iskrataċ ta' l-ixkubetti u l-kanuni Franċiżi. Daqshekk kienu l-Franċiżi jistmaw l-Istorja brillanti ta' l-Ordni ta' San Ġwann!

Imn'Alla kien Gaetano Bruno li għamel ħiltu kollha biex isalva dan it-teżor minn qerda totali. F'idejh waslet l-Ordni ta' d'Angely biex jobdiha u jwettaqha. Kien hu li kellu jagħti lill-Ġeneral ta' l-Artillerija Franċiża u l-Kummissarju Navali dawn id-dokumenti. Iżda Bruno mexa b'għaqal kbir. Qagħad iġebbed u jtawwal, dejjem jittama li tiġri xi ħaġa li minħabba fiha ma jkollux għalfejn jobdi din l-ordni nfami. U rnexxielu, għaliex ftit ġimgħat wara, bdiet ir-rewwixta ġenerali tal-Maltin kontra l-Franċiżi, u meta d'Angely telaq minn Malta, l-ordni tiegħu ġiet minsija għal kollox.[4]

Grazzi għal Bruno, illum l-istudjużi ta' l-istorja għadhom jistgħu jikkonsultaw dawn id-dokumenti mprezzabbli kollha. B'din l-imġieba tiegħu, Bruno ħadem għal Malta daqs il-Maltin li ġġieldu bl-armi f'idejhom kontra l-Franċiżi. Barra minn hekk nafu wkoll li Bruno rregala s-somma kbira ta' 10,000 skud lill-Biblijoteka Nazzjonali.

## RISPETTAT MILL-INGLIŻI

Bruno kien ukoll igawdi r-rispett ta' l-Ingliżi. Kien Alexander Ball innifsu li f'Mejju, 1800 afdah bl-inkarigu li jamministra l-benefizzji vakanti tal-Kleru u l-proprjetà tal-Maltin li kienu għadhom fl-ibliet, biex jgħin lill-foqra Maltin fil-kampanja u lit-tfal orfni li missirijiethom kienu ġew maqtula mill-Franċiżi.[5] Problema kbira għall-Maltin li jħallu l-ibliet kienet li malli jirfsu l-kampanja kienu pronti jaqbżu fuqhom il-kredituri tagħhom, minkejja l-faqar kbir li huma stess kienu jkunu fih. Għalhekk Ball inkariga lil Bruno u lil tlieta oħra miegħu biex jaqtgħu s-sentenzi f'każi bħal dawn.

## RABTA MA' BORMLA

Iżda Bruno kellu wkoll konnessjoni ma' Bormla, rabta li lilna tinteressana aktar mill-qrib. Dawk fostna li huma mdaħħlin fl-età jiftakru l-ġonna li kienu jżejnu l-Għolja ta' San Ġwann



*Il-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa fejn ħdejha kien hemm il-ġonna.*

t'Għuxa, fejn illum jinsab il-Qasam tad-Djar. Fl-istess żmien meta Bruno kien qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex isalva l-Arkivju ta' l-Ordni minn idejn il-Franċiżim hu kien ukoll involut f'xi proprjetà li kienet f'idejh bħala użufrott. Tliet snin qabel, fi Żmien l-Ordni, hu kien ingħata l-benefizzju ta' San Ġwann t'Għuxa f'Bormla, fejn kien bena ġnien kbir bis-siġar tal-larinġ. Fl-24 ta' Lulju, 1798, hu ma beżax jitlob lill-Kummissjoni Franċiża tal-Gvern tippermettilu jkompli jgawdi dan il-benefizzju, u b'għaġeb kbir għalih stess, dan il-permess kien ġie mogħti lilu mill-Awtoritajiet Franċiżi.[6]

Ta' min jiftakar mela li l-Ġonna ta' San Ġwann t'Għuxa, li damu snin kbar isebbħu u jagħtu l-arja lil din il-parti ta' Bormla, kienu l-frott ta' dan il-patrijott kbir Malti, bniedem maħbub mhux biss mill-Maltin, iżda wkoll minn kull min ħakem dawn il-Gżejjer.

## REFERENZI


1 R. Mifsud Bonnici, "Dizzjunarju Bijo-biblijografiku", p.58
2 Carmel Testa, "The French in Malta". p.70
3 Carmel Testa, p.76
4 Carmel Testa, p.p. 226, 227
5 Carmel Testa, p.773
6 Carmel Testa, p.230, n.37



**MELVIN**

photo studio

*Flash Photography and Professional Super VHS Video Mixing*

Main Gate Street, Vittoriosa
Mobile: 097 5136 Tel: 664433